- *bilanċ ta' ħlas ta' merkanzija*
- *skrittura privata, validita` ta'*

*-ammissjoni, dubbju dwar kif magħmula*

# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Rik. Ġur. 337/2015 GM**

**Anthony sive Twanny Cascun ID328557M**

**vs**

**Dionisio sive Dennis Mallia ID 418868M**

**Seduta tas-16 t'April 2019.**

Permezz tar-rikors ġuramentat tiegħu, l-attur talab lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddispensa bis-smiegħ tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. Tiddikjara lill-konvenut veru, ċert u likwidu debitur veru l-attur tas-somma bilanċjali ta' 31,426euro u dan skont fattura datata 11 ta' Mejju 2013.
3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-imsemmija somma ta' 31,426euro hekk likwidata.

Illi peress illi waqt jum is-smiegħ tal-11 ta' Ġunju 2015 il-konvenut ressaq mad-daqqa t'għajn raġunijet biżżejjed biex jitħalla jikkontesta l-kawża, ingħata 20 jum biex jippreżenta r-risposta maħlufa;

Illi huwa ppreżenta r-risposta maħlufa fit-18 ta' Gunju 2015 li permezz tagħha eċċepixxa li:

1. preliminarjament id-dokument datat 11 ta' Mejjmu 2014 u ezebit Dok A mar-rikors maħluf huwa monk a tenur ta' l-Artikolu 1233(2) tal-Kodiċi Ċivili.

2. illi bla ħsara għall-premess, l-attur għandu jġib prova sħiħa dwar il-konsistenza tal-kreditu minnu pretiz.

3. illi bla ħsara għall-pemess, il-konvenut ħallas ferm aktar lill-attur min dak li qed jirrikonoxxi l-istess attur.

4. illi bla ħsara għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu riġettati.

Rat l-atti tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta li bejn is-snin 2009 u 2013 l-attur kien ibiegħ u jikkunsinna lill-konvenut frott u ħaxix, li kien jerġa' ibiegħ lill-konsumatur. Il-konvenut kien iħallsu permezz ta' ċekkijiet f'ammonti varji li kien jaqtalu minn żmien għall-ieħor, dejjem akkont, bla ma jkunu relatati għal kunsinni partikolari. F'Mejju 2013, l-attur sab li l-konvenut kien waqa' lura sewwa fil-ħlas, għamel il-kontijiet, sab li kien fadallu jagħtih, u bagħat lil bintu għand il-konvenut b'karta li kienet turi bilanċ ta' 31,426. (Dok A a fol 4). Il-konvenut iffirmaha;

Illi l-attur fetaħ din il-kawża abbażi ta' din id-dikjarazzjoni ffirmata. Il-konvenut eċċepixxa li bħala skrittura privata, ma tiswiex, għaliex, skont l-Art. 1233(2) tal-Kodiċi Ċivili, "jekk… il-kitba ma tkunx iffirmata minn kull waħda mill-partijiet, għandha tiġi awtentikata bħal ma jingħad fl-artikolu 634 (tal-Kap 12)". Tabilħaqq id-dokument a fol 4 huwa ffirmat mill-konvenut biss, u mhux awtentikat. Id-dikjarazzjoni tal-konvenut iżda mhix wieħed minn dawk il-kuntratti elenkati fl-art. 1233(1) (a) sa (g) li jirrikjedu att pubbliku jew skrittura privata għall-validita tagħhom. Jekk stess, kif isostni l-konvenut, l-art. 1233(2) jgħodd għal kull skrittura privata u mhux biss dawk imsemmija fl-art. 1233(1), l-ipotesi ta' nullita tad-dokument iffirmat mill-konvenut ma twassalx għan-nullita' tal-ammissjoni tad-debitu li hemm fiha, li ma tinħtieġ l-ebda formalita. Quddiem din il-Qorti, il-konvenut ammetta li l-firma hija tiegħu (fol 353). Filwaqt li bint l-attur issostni li fiehmet lill-konvenut kif waslet għall-ammont hemm indikat[1], u f'dan hija kkorroborata minn ommha[2] li xehdet li kienet preżenti il-konvenut jiċħad li fehmitu u li ffirma abbażi tal-fiduċja u ħbiberija kbira li kellhu mal-attur.[3] Induna

---

[1] Fol 328

[2] Fol 363

[3] Fol 353: "qaltli l-pa ħallielek din u ffirmajtielu"

bil-veru kontenut meta qrahielu ibnu iktar tard[4], u stagħġeb għax dehrlu li ma kienx midjum mal-attur sa dak l-ammont. Il-konvenut jidher li hu semi-illitterat; jagħraf in-numri iżda mhux il-kitba. Ma jafx jikteb tant li ċ-ċekkijiet kien jiktibhomlu l-attur. Iffaċċjata b'dan il-konflitt ta' verżjonijiet, il-Qorti mhix moralment ċerta ta' x'ġara: jekk bint l-attriċi fehmitux għalxiex kien se jiffirma; jekk fehmitu, fehemhiex; jew jekk id-dikjarazzjoni tiegħu kinitx effett ta' żball dwar l-ammont tabilħaqq dovut; żball jew da parti ta' bint l-attur li għamlet il-kontijet inkella tiegħu; u, f'dan il-każ id-dubbju għandu jmur favur il-konvenut.

Illi fid-dawl ta' dan il-konflitt fil-provi, il-Qorti għażlet li tifli b'mod partikolari l-provi oġġettivi, konsistenti prinċipalment fil-fatturi esibiti mill-attur u l-kopji taċ-ċekkijiet esibiti mill-konvenut;

Illi l-attur ippreżenta dawn il-listi ta' fatturi flimkien mal-fatturi nfushom:

| Perjodu | Euro |
|---|---:|
| | |
| 2011 (fol 21) | 12,813.40 |
| 2012(fol 166) | 16,741.71 |
| 2013 (fol 307) Jannar - April | 04,576.85 |
| 2013 (fol 321) Mejju | 496.13 |
| | |
| TOTAL TAL-FATTURI | 34,627.38 |
| | |
| | |

[4] Fol 355: "in-numri ma tajtx każhom"

Illi l-konvenut jipprova jitfa' dubbju dwar jekk tabilħaqq dawn il-fatturi humiex veritjeri. B'danakollu ġaladarba ġew esibiti, il-piż tal-prova dar fuqu u, fil-fehma tal-Qorti, ma rnexxilux jeħles minn dan il-piż. Huwa jaċċetta li kien jingħata karta ħadra li turi l-merkanzija u l-prezz wara kull konsenja; anke jekk din il-karta ma kinitx dejjem tinkiteb mill-ewwel imma kienu jitniżżlu notamenti fuq pitazz minn mart l-attur. Il-karta ma kienx jiffirmaha.[5] B'danakollu jammetti li kien jiċċekkja l-karti l-ħodor, u li kien jaf x'merkanzija kien qed jirċievi u x'kien hemm imniżżel fil-karti: "il-karta kont narafha"[6]. U kien jaċċettahom: "qatt m'għidtlu xejn"[7]. Iktar minn hekk, il-konvenut, għalkemm jiddikjara li żamm il-karti l-ħodor, qatt m'esbihom[8]

Illi jirriżulta – u dan mhux ikkontestat mill-attur - li l-konvenut kien ħallas tal-merkanzija kollha sal-aħħar tas-sena 2010. Illi l-konvenut esebixxa kopja taċ-ċekkijiet minnu maħruġa favur l-attur. Minn dawk jirriżula li mis-sena 2011 'il quddiem ħallas lill-attur total ta' euro 13,000 (cekkijiet numri 401 sa 422 esibiti a fol 550). Skont l-iskrittura a fol 4, l-attur kellu jħallas lill-konvenut euro 30 ta' ilma u 640 ta' basal. Għalhekk: 34,627.38

| | |
|---|---|
| Total tal-fatturi | 34,627.38 |
| Total imħallas u/jew paċut | 13,670.00 |
| | |
| Bilanċ dovut | 20,957.38 |
| | |

[5] Fol 389
[6] Fol 429; ara wkoll fol 421
[7] Fol 432
[8] Fol 432: "kont nerfagħhom"; fol 433: "suppost qegħdin għandi"

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' 20,957.38 bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv u bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċċjali tal-25.11.2014 u tal-mandati kawtelatorji 602/2015 u 603/2015 żewġ terzi għall-konvenut u terzi lill-attur.

Onor. Imħallef

Grazio Mercieca